MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2014

Numru. 890/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Mumen Traore**

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 18 ta’ Settembru, 2014 fil-konfront ta` Mumen Traore, ta’ 34 sena, bin Gibrou u Wasa nee’ Danolo, imwieled Ivory Coast nhar l-1 ta’ Jannar, 1980, bla indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita’ numru 43874 (A).

L-imputat ġie akkużat talli fis-16 ta’ Settembru, 2014 għal ħabta ta’ 08.20 ta’ filgħaxija ġewwa Triq id-Dragunara, San Ġiljan;

1. Minn fuq il-persuna ta' Jacqueline Galea, ikkometta serq ta' żewġ (2) telefons ċellulari tal-marka Samsung Galaxy S4 u Doogee Mobile, kartiera, 32 euros flus kontanti, handbag ta' lewn iswed b'valur ta' 15 euro, karta tal-identita' Maltija u affarijiet oħra, għad-detriment ta' Jacqueline Galea u / jew persuni oħra, liema serq hu kwalifikat bil-ħin u bil-valur li ma jeċċediex elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmi ta' Euro (2329.37c Euro) u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess żmien laqa' għandu jew xtara ħwejjeg misruqa, meħuda b'qerq jew akwistata b'reat, u/jew xjentement b'kull mod indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334(a) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Ukoll talli bejn Dicembru, 2013 u s-16 ta' Settembru, 2014 f'dawn il-gżejjer, naqas milli jirrapporta lill-uffiċjal awtorizzat mingħajr dewmien, li xi waħda mill-partikolaritajiet li tinsab fil-karta tal-identita' tiegħu u cioe' l-indirizz tal-lok ewlieni ta' residenza fejn abitwalment jorqod kif preskritt f'Artikolu 5(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta, ma baqgħatx aktar korretta u kif ukoll naqas li jagħti dak it-tagħrif kollu meħtieg u dan bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Karta tal-identita', Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Talli sar riċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula jew imħassra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplati fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'kaz ta' ħtija tal-imputazzjoni numru 3, il-Qorti ġiet mitluba tordna lil imputat Mumen Traore jħallas €11.65 għal kull gurnata li matulha jitkompla r-reat u dan kif maħsub fl-Artikolu 14(1) tal-Att dwar il-Karta tal-Identita', Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti ezibiti;

Rat li matul is-seduta tat-18 ta' Settembru 2014 waqt l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali huwa wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu inkondizzjonatament;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex anke jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti diversament presjeduta f'dik is-seduta kienet rat li l-komportament tal-imputat fl-Awla meta ġiet biex tistaqsih jekk hux ħati jew le tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu ma aċċettatx l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu għall-imputazzjonijiet kif miġjuba kontrih u dan stante li l-Qorti ma kienetx konvinta mir-risposta tal-imputat dwar l-ammissjoni tiegħu. Għalhekk ipproċediet daqslikieku l-imputat wieġeb li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti rat ukoll li matul is-seduta sussegwenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta, ċjoe dik miżmuma nhar it-3 t'Ottubru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ippuntwalizza li t-tieni imputazzjoni kienet kontestata lill-imputat bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni. Inoltre, semgħet ukoll lill-imputat, fil-presenza tal-Avukat tal-Għajnuna Legali Dottor Renzo Porsella Flores itenni l-ammissjoni tiegħu li kien diġa tenna matul l-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta.

Il-Qorti reġgħet għal darb'oħra wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex anke jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, fil-presenza tal-Avukat tal-Għajnuna Legali Dottor Renzo Porsella Flores reġgħa għal darb'oħra tenna l-ammissjoni tiegħu u wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti kif presjeduta presjeduta rat li l-imputat kien deċiż fid-deċiżjoni tiegħu li jammetti l-ħtija.

Peress li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih inkondizzjonatament, fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li dawn huma sodisfaċentement pruvati. Għalhekk, meta qieset kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax ħlief tiddikjarah ħati f'dan il-każ.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet fir-rigward tal-piena li għandha tiġi inflitta f'dan il-każ.

L-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-imputat għal bidu ma kienx ikkopera mal-Pulizija f'dan il-każ stante li ma kienx stqarr l-involviment tiegħu. Biss il-Qorti kellha tqis li l-imputat wara ammetta ħtijietu quddiem il-Qorti mal-ewwel okkażjoni li kellu fil-preżentata. L-Uffiċjal Prosekutur tenna wkoll li r-refurtiva kienet ġiet ritornata kollha kemm hi lil sidha. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Uffiċjal Prosekutur saħaq li din il-Qorti setgħet tikkonsidra piena li ma tkunx dik ta' priġunerija effettiva.

Minn naħa l-oħra d-difiża tenniet li f'dan il-każ l-imputat kien irreġistra ammissjoni bikrija li għalkemm ma ġietx aċċettata mill-ewwel mill-Qorti diversament presjeduta xorta waħda

kienet turi l-intenzjoni tal-imputat li ma' l-ewwel opportunita jammetti ħtijietu. Inoltre r-refurtiva, anke jekk bi ftit sforz kienet ġiet ritornata lil sidha. Id-difiża għalqet billi stiednet lil Qorti sabiex, anke fid-dawl ta' dak mistqarr mill-Uffiċjal Prosekutur, tikkonsidra piena alternattiva għal dik ta' priġunerija fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti rat ukoll li ħasset li qabel ma tgħaddi għas-sentenza tagħha ddecidiet li kien opportun li, sabiex tikkalibra l-piena sew, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport dwar jekk l-imputat ħati kienx jikkwalifika sabiex jagħmel għadd ta' siegħat ta' servizz fil-komunita'.

Il-Qorti semgħet lil Maria Mifsud, Uffiċjal tal-Probation tiddikjara li l-imputat, għal diversi raġunijiet imsemmija fir-rapport tagħha li kopja tiegħu ġiet eżibita fil-proċess de quo, l-imputat ma kienx kandidat idoneju għalbiex jippresta servizz fil-komunita.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Illi din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar xi tkun il-piena idoneja f'dawn iċ-ċirkostanzi. Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha, prevja l-preċisazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva għall-ewwel waħda, kif ukoll dik tar-reċidiva.

Din il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tar-riżultanti tar-relazzjoni ta' Maria Mifsud, Uffiċjal tal-Probation. Jidher li l-imputat ikkommetta r-reat de quo madwar disa' xhur wara li kien għadu kif skonta sentenza ta' tminn snin priġunerija fuq diversi stupri kommessi minnu.

Minn din ir-relazzjoni jemerġu diversi konsiderazzjonijiet li jħasbu lil Qorti bil-kbir u li huma sa' ċertu punt kontrastanti. Minn meta l-imputat wasal Malta jidher li huwa kien miżmum f'ċentru ta' detenzjoni li minnu ħarab diversi drabi. Hekk kif għamel il-perjodu ta' detenzjoni tiegħu spiċċa mar jgħix fil-Ħal Far tent village u minn hemm beda t-triq tal-kriminalita' meta madwar ħames xhur wara li akkwista l-liberta tiegħu miċ-Ċentru ta' Detenzjoni huwa ikkommetta l-istupri li wasluh sabiex jiskonta piena ta' tminn snin priġunerija.

Madwar disa' xhur wara li skonta din il-piena reġa xellef idejh mal-Liġi u l-Ġustizzja billi ikkommetta r-reat de quo.

Jidher li matul il-permanenza tiegħu f'Malta, l-imġieba tal-imputat ma kienetx eżemplari stante li mżewqa b'diversi ħarbiet miċ-ċentru ta' detenzjoni, stupri u issa serq. Mill-banda l-oħra jirriżulta li jidher li qatt ma saru xi tip t'assessment fir-rigward tal-imputat – la meta kien fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni u l-anqas matul il-perjodu li kien jinsab jiskonta s-sentenza ta' priġunerija. Jidher li dak li sar fil-konfront tal-imputat kien basic screening test. Jidher ukoll li l-imputat huwa maħkum mill-vizzju tax-xorb, fattur li jkompli jikkomplika ħajjet l-imputat.

Din il-Qorti hija imħasba li wara li skonta tminn snin priġunerija fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin huwa fil-fatt ma jidhirx li irrijabilita ruħu. Anzi reġgħa iddelinkwa. Għall-Qorti dan ifisser li l-iskop rijabilitattiv tal-piena ta' priġunerija ma intlaħaqx mal-imputat. Mill-banda l-oħra l-anqas jista jingħad li l-imputat ingħata xi forma ta' għajnuna partikolari li permezz tagħha huwa setgħa jiġi mgħejjun sabiex jirrijabilita ruħu u jintegra fis-soċjeta Maltija. Dan peress li kemm ilu f'Malta – sa'mit-30 ta' Ġunju 2006, aktar tard mogħni wkoll b'karta tal-identita Maltija huwa għamel biss madwar ħames xhur l-ewwel u xi disa' xhur wara fi stat ta' liberta'. Bid-dovut rispett, issa li dan l-Istat għażel li jilqa' lil-imputat fi ħdanu, għandu wkoll id-dmir li jara li l-imputat, sakemm sejjer idum f'Malta, jkun f'qagħda li jkun jista

jintegra fis-soċjeta billi jgħix b'mod onest – ukoll billi jkollu ċertu superviżjoni professjonali biex tgħinu jgħix ta' nies, man-nies u bħal nies.

Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs George Farrugia" datata 18 ta' Jannar 2001 fejn dik il-Qorti kienet innutat li anke fil-każ ta' persuna ta' eta` mhux zgħira u li forsi hija reċidiva, tista' titfaċċa fil-ħajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz tagħha ikun jista' jinkiser iċ-ċiklu ta' kundanni u ta' priġunerija.

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, u wkoll tenut kont tal-gravita tar-reat kommess mill-imputat, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerġa jiġi kundannat għal piena karċerarja oħra fuq ir-reati li huwa ammetta għalihom, il-ħati sejjer ikun qiegħed imur għall-aħjar f'ħajtu u li s-soċjeta Maltija sejra fl-aħħar mill-aħħar tibbenefika.

Il-Qorti jidhrilha li dan il-każ jista joffri opportunita tad-deheb lill-ħati li jittestja lilu nnifsu u juri verament jekk iridx jaqbad it-triq tar-riforma tiegħu jew inkella jridx li, minkejja kollox, ikompli jegħreq fil-ħajja ta' delinkwenza u permanenza fil-Ħabs.

Din il-Qorti lesta li għal din id-darba, tagħti dan iċ-ċans lill-ħati, liema ċans s'issa jidher li għadu ma ingħatax b'mod li jkun suġġett u supervizjonat minn nies professjonali bhal Uffiċjali tal-Probation u Psikologi. B'dan il-ħsieb f'moħħha din il-Qorti lesta li minflok terġa tikkundanna lill-imputat għal piena oħra ta' priġunerija, bi ħsiebha li tqegħdu taħt ordni ta' *probation* bl-obbligu li l-ħati jiġi segwit **barra** l-konfini tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tgħallem xejn, minkejja d-dewmien tar-residenza tiegħu hemmhekk. Lesta li tara jekk verament l-imputat iridx ibiddel ħajtu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat li din id-deċizjoni li jibdel ħajtu tehtieg impenn serju minn naħa tiegħu stess billi jsegwi l-ordinijiet kollha li jkunu imposti fuqu mill-Uffiċjal tal-Probation. Naturalment issa jispetta lill-imputat jagħraf juża tajjeb din l-opportunita. Fin-nuqqas issa ma jkollu ebda skuża li ma ingħatax il-possibbilita mill-Qrati li jipprova jqum fuq saqajh u jħares il-quddiem għall-gid tiegħu u tas-soċjeta Maltija li fi ħdana issa qiegħed jgħix. Il-konsegwenzi ta' egħmilu minn issa l-quddiem jafhom kollha u jaf issa x'għandu jistenna mill-Qrati jekk jerġa jiddelinkwi.

**<u>Decide : -</u>**

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1) u 334(a) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, qegħda ssib lill-Mumen Traore, reċidiv f'delitti, ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih; iżda peress li hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Liġi, ai termini tal-Artikolu 7(1)(2)(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet (3) snin millum kif ukoll qegħda tqiegħdu taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, u dan bil-għan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili nonche sabiex jiġi mgħejjun jegħleb kompletament il-vizzju tal-abbuż mill-abbuż tal-alkoħol, b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex perjodikament jagħmel dawk l-eżamijiet kollha meħtieża fuq il-ħati nonche jippreskrivi dawk it-trattamenti u/jew kura u/jew programmi kollha li jkunu meħtiega biex il-ħati jegħleb b'suċċess dan il-vizzju ta' dipendenza u l-abbuż mill-alkoħol, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digrieti mogħtija illum stess u annessi ma din is-sentenza u li jifformaw parti integrali minnha.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u trattament kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation u trattament mogħti bid-Digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti ai termini tal-Artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali u fid-dawl tas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, tordna lill-ħati sabiex jikkonforma ruħu mal-liġi fi żmien jumejn millum b'dan li jekk huwa jonqos li jħares dan l-ordni fiż-żmien hekk stabbilit, hu jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien.

Inoltre stante li f'dan il-każ ma jirriżultawx li saru spejjeż peritali tastjenu milli tieħu konjizzjoni tat-talba ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 7 ta' Novembru 2014***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------